Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/2127(INI)

19.11.2025

EMENDI
1 - 215

Abbozz ta' rapport
Isabella Lövin
(PE778.399v01-00)

Il-pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku u t-triq 'il quddiem
(2024/2127(INI))

Emenda 1
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni -1 (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikoli 4, 43(3) u 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

Or. pl

Emenda 2
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2024 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti (2023/2124(INI)),

Or. en

Emenda 3
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– – wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/1781 tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 fir-rigward ta' tnaqqis tal-kapaċità tas-sajd fil-Baħar Baltiku, u r-Regolament (UE) Nru 508/2014 fir-rigward tal-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd għall-flotot li jistadu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, il-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u l-aringi tal-Baltiku tal-Punent,

Or. en

Emenda 4
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' April 2021 dwar ir-residwi kimiċi fil-Baħar Baltiku, abbażi tal-Petizzjonijiet 1328/2019 u 0406/2020 (2021/2567(RSP)),

Or. pl

Emenda 5
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-21.2.2023. Pjan ta' Azzjoni tal-UE: nipproteġu u nirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar għal

sajd sostenibbli u reżiljenti,

Or. en

Emenda 6
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sentenza tal-qorti tal-11 ta' Jannar 2024 dwar il-kawża C-330/22, EU:C:2024:19, Friends of the Irish Environment CLG vs il-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Baħar, l-Irlanda,

Or. en

Emenda 7
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2026" (COM(2025)296),

Or. pl

Emenda 8
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2026,

Or. en

Emenda 9
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2026,

Or. en

Emenda 10
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-"Framework for a European Management Plan for the Great Cormorant" (Qafas għal Pjan Ewropew ta' Ġestjoni għall-Margun) tal-Kummissjoni Konsultattiva Ewropea għas-Sajd Intern u l-Akkwakultura (EIFAAC) tal-FAO ta' April 2025,

Or. en

Emenda 11
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku tal-1992 (il-Konvenzjoni ta' Helsinki), li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2000, ***u l-Kummissjoni*** għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku, magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM),	— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar taż-Żona tal-Baħar Baltiku tal-1992 (il-Konvenzjoni ta' Helsinki), li daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Jannar 2000, ***il-Kummissjoni*** għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku, magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki (HELCOM), ***il-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku, u s-sejbiet tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM) dwar munizzjon kimiku mormi fil-baħar,***

Or. pl

Emenda 12
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)30),

Or. en

Emenda 13
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2025 dwar Is-sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2026,

Or. en

Emenda 14
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar l-adozzjoni ta' Pjan Ewropew ta' kontroll tal-istokkijiet tal-marguni sabiex jitnaqqas l-effett dejjem jiżdied tal-marguni fuq l-istokkijiet tal-ħut, is-sajd u l-akwakultura,

Or. en

Emenda 15
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-residwi kimiċi fil-Baħar Baltiku, abbażi tal-Petizzjonijiet 1328/2019 u 0406/2020 (2021/2567(RSP)),

Or. en

Emenda 16
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-azzjonijiet tal-UE kontra l-flotot mistura Russi u l-iżgurar ta' infurzar sħiħ tas-sanzjonijiet kontra r-Russja (2024/2885(RSP)),

Or. en

Emenda 17
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP tal-2016 bit-titolu "Options for Ecosystem-based Adaptation (EBA) in Coastal Environments: A Guide for environmental managers and planners" (Għażliet għal Adattament ibbażat fuq l-Ekosistema (EBA) fl-Ambjenti Kostali: Gwida għall-maniġers ambjentali u għal dawk responsabbli għall-ġestjoni ambjentali),

Or. en

Emenda 18
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rapport tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Istitut ta' Potsdam għar-Riċerka dwar l-Impatt Klimatiku bit-titolu "Planetary Health Check 2025: A Scientific Assessment of the State of the Planet" (Verifika tas-Saħħa tal-Pjaneta tal-2025: Valutazzjoni Xjentifika tal-Istat tal-Pjaneta),	***imħassar***

Or. pl

Emenda 19
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Istitut ta' Potsdam għar-Riċerka dwar l-Impatt Klimatiku bit-titolu "Planetary Health Check 2025: A Scientific Assessment of the State of the Planet" (Verifika tas-Saħħa tal-Pjaneta tal-2025: Valutazzjoni Xjentifika tal-Istat tal-Pjaneta),	***imħassar***

Or. en

Emenda 20
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Istitut ta' Potsdam għar-Riċerka dwar l-Impatt Klimatiku bit-	***imħassar***

titolu "Planetary Health Check 2025: A Scientific Assessment of the State of the Planet" (Verifika tas-Saħħa tal-Pjaneta tal-2025: Valutazzjoni Xjentifika tal-Istat tal-Pjaneta),

Or. en

Emenda 21
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Istitut ta' Potsdam għar-Riċerka dwar l-Impatt Klimatiku bit-titolu "Planetary Health Check 2025: A Scientific Assessment of the State of the Planet" (Verifika tas-Saħħa tal-Pjaneta tal-2025: Valutazzjoni Xjentifika tal-Istat tal-Pjaneta),	***imħassar***

Or. en

Emenda 22
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-24 ta' Settembru 2025 tal-Istitut ta' Potsdam għar-Riċerka dwar l-Impatt Klimatiku bit-titolu "Planetary Health Check 2025: A Scientific Assessment of the State of the Planet" (Verifika tas-Saħħa tal-Pjaneta tal-2025: Valutazzjoni Xjentifika tal-Istat tal-Pjaneta),	***imħassar***

Or. en

Emenda 23
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra l-impenji tal-Istati skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, jiġifieri l-mira 3.9 li jitnaqqsu l-imwiet u l-mard minn sustanzi kimiċi u kontaminazzjoni perikoluża, il-mira 6.3 li tittejjeb il-kwalità tal-ilma billi jiġi eliminat ir-rimi u jiġi mminimizzat ir-rilaxx ta' sustanzi kimiċi perikoluża, u l-miri 14.1 u 14.2 li jiġi pprevenut it-tniġġis tal-baħar u jiġu protetti l-ekosistemi tal-baħar u kostali,

Or. pl

Emenda 24
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1612(2008) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-munizzjon kimiku mirdum fil-Baħar Baltiku, u r-rapport ta' akkumpanjament tat-28 ta' April 2008,

Or. pl

Emenda 25
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 25a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),

Or. en

Emenda 26
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd,*** li ***wassal*** għal ***ħafna*** konsegwenzi soċjoekonomiċi ***diżastrużi*** għas-settur ***tas-sajd***;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ikkontribwixxa biex il-pressjoni tas-sajd tinżamm f'konformità mal-livelli meħtieġa biex jinkiseb ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY), billi fl-2023, l-ekoreġjuni tal-Baħar Baltiku, tal-Baħar Ċeltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir naqqsu l-pressjoni medja tas-sajd għal taħt il-livelli tal-MSY, b'mortalità mis-sajd ta' 54 %, 48 %, u 23 % taħt il-miri tal-MSY, rispettivament, meta mqabbla mal-livelli fil-mira fl-2003; billi l-istokkijiet tal-ħut fil-Baltiku komplew jonqsu minħabba pressjonijiet lil hinn mis-sajd, bħall-ewtrofikazzjoni, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis, il-munizzjon kimiku, u l-iżbilanċi tal-predaturi,*** li ***wasslu*** għal konsegwenzi soċjoekonomiċi ***serji*** għas-settur; ***billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu indirizzati dawn l-isfidi ambjentali addizzjonali biex tiġi appoġġjata s-sostenibbiltà fit-tul;***[5a]

[5a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0296

Or. en

Emenda 27
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd; ***billi aġġornamenti regolari dwar il-qabdiet u l-valur miżjud gross tas-settur tas-sajd rikreattiv, inkluż is-sajd rikreattiv tal-baħar, jippermettu l-valutazzjoni komprensiva tal-impatt ġenerali tal-kriżi tal-ekosistema li għaddejja bħalissa fuq il-partijiet ikkonċernati kollha tas-sajd fir-reġjun tal-Baħar Baltiku;***

Or. en

Emenda 28
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet***	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***għen biex il-pressjoni tas-sajd tinżamm f'konformità mal-livelli tal-MSY***;

mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastruż għas-settur tas-sajd;

Or. en

Emenda 29
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastruż għas-settur tas-sajd***;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***għen biex il-pressjoni tas-sajd tinżamm f'konformità mal-livelli tal-MSY***;

Or. en

Emenda 30
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-***	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***għen biex il-pressjoni tas-sajd tinżamm f'konformità mal-livelli***

żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;	***tal-MSY***; ***billi, minkejja tnaqqis sinifikanti fl-isforz tas-sajd f'dawn l-aħħar ftit snin, xi popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut iddeterjoraw minħabba taħlita ta' pressjonijiet lil hinn mill-attività tas-sajd, inklużi l-ewtrofikazzjoni, it-tniġġis, il-predazzjoni u l-bidliet fl-ekosistemi xprunati mill-klima***, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;

Or. en

Emenda 31
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema***, u lanqas għall-applikazzjoni tal-approċċ prekawzjonarju*** għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;

Or. en

Emenda 32
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ma laħaqx ***kompletament*** l-objettivi tiegħu u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, jew għall-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;
	Or. pl

Emenda 33
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***ma laħaqx*** l-objettivi tiegħu ***u ma wassalx għar-restawr u ż-żamma tal-popolazzjonijiet*** tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla ***li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli***, jew ***għall-implimentazzjoni tal-approċċ*** ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;	A. billi l-pjan pluriennali tal-UE għas-sajd fil-Baħar Baltiku (ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku) ***fil-biċċa l-kbira naqas milli jilħaq*** l-objettivi tiegħu ***li jirrestawra u jżomm il-popolazzjonijiet*** tal-ispeċijiet mistada f'livelli ogħla ***mill-MSY***, jew ***li jimplimenta approċċ*** ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastrużi għas-settur tas-sajd;
	Or. en

Emenda 34
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi, minkejja tnaqqis sinifikanti fl-isforz tas-sajd f'dawn l-aħħar ftit snin, xi popolazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut iddeterjoraw minħabba taħlita ta' pressjonijiet lil hinn mill-attività tas-sajd, inklużi l-ewtrofikazzjoni, l-agrikoltura, l-industrija tal-injam, it-tniġġis, u l-bidliet fl-ekosistemi xprunati mill-klima, li wassal għal ħafna konsegwenzi soċjoekonomiċi diżastruż għas-settur tas-sajd;

Or. en

Emenda 35
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-MAP ma kkontribwiex biex jiżdied l-għadd ta' TACs stabbiliti fil-livell tal-MSY u ma għenx biex jiġu indirizzati każijiet diffiċili bħall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent, l-aringa tal-Punent u li d-dispożizzjonijiet fil-MAP f'xi każijiet kienu kontroproduttivi;

Or. en

Emenda 36
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi, minkejja tnaqqis sinifikanti fl-isforz tas-sajd fl-aħħar snin, xi

stokkijiet tal-ħut iddeterjoraw minħabba taħlita ta' fatturi ta' stress minbarra l-attività tas-sajd;

Or. pl

Emenda 37
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku hija kkumplikata minħabba lakuni fid-data li jirriżultaw min-nuqqas ta' rapportar tad-data mill-Federazzjoni Russa;

Or. en

Emenda 38
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi, skont il-Kummissjoni, fl-2023, l-ekoreġjuni tal-Baħar Baltiku, tal-Baħar Ċeltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir komplew ix-xejra li jnaqqsu l-pressjoni medja tas-sajd għal dak li huwa sostenibbli (minn 29 %, 51 % u 65 % ogħla mill-mira għall-mortalità mis-sajd konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY) rispettivament fl-2003, għal 54 %, 48 % u 23 % taħt il-mira tal-FMSY fl-2023);

Or. en

Emenda 39
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-MAP ma kkontribwiex, kif preżunt, għaż-żieda fl-għadd ta' TACs stabbiliti fil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli, u ma għenx biex isolvi każijiet diffiċli, bħall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent u l-istokkijiet tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, u d-dispożizzjonijiet tal-MAP f'xi każijiet ma kinux effettivi;

Or. pl

Emenda 40
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi r-Russja tiddeċiedi unilateralment dwar il-kwoti, filwaqt li tinjora pariri xjentifiċi u tistabbilixxi b'mod konsistenti kwoti li jaqbżu l-MSY;

Or. en

Emenda 41
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-flotot tal-Baħar Baltiku tal-UE qattgħu 267 000 jum fl-2022, tnaqqis

ta' 8 % meta mqabbel mal-2021 (jew tnaqqis ta' 30 % meta mqabbel mal-perjodu 2013-2021) u laħqu l-aktar livell baxx mill-2013; billi fl-2021, il-flotta tal-Baħar Baltiku kkunsmat 63,6 miljun litru ta' valur stmat tal-fjuwil, u fl-2022 naqset għal 45,7 miljun litru (-28 %);

Or. en

Emenda 42
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-operazzjonijiet tal-Flotta Mistura Russa fil-Baħar Baltiku jqajmu wkoll tħassib fir-rigward tas-sajd, peress li joħolqu riskju sinifikanti li jikkawżaw ħsara ambjentali lir-reġjun Baltiku, u potenzjalment ifixklu l-bilanċ tal-ekosistemi tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 43
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi li jridu jsiru wkoll sforzi biex jiġu indirizzati pressjonijiet mhux relatati mas-sajd li qed jaffettwaw dejjem aktar l-istokkijiet tal-ħut, inkluż fatturi bħall-abbundanza taż-żooplankton u l-ewtrofikazzjoni;

Or. en

Emenda 44
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***kkollassaw u ma rkuprawx***, minkejja ***li s-sajd*** immirat ***ilu magħluq*** mill-2019;	B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***x'aktarx li juru rkupru bil-mod, b'xejra 'l isfel meta mqabbla mas-snin preċedenti, minħabba kundizzjonijiet ambjentali avversi***, minkejja ***l-għeluq tas-sajd*** immirat mill-2019; ***billi fatturi ewlenin, inkluża l-istratifikazzjoni tal-ossiġenu li timpedixxi r-reklutaġġ, flimkien maż-żieda fil-pressjoni tal-predazzjoni u l-infestazzjonijiet tal-parassiti, li jżidu l-mortalità tal-ħut li jkun għadu qed jikber, huma kontributuri sinifikanti għall-kundizzjoni attwali tal-istokk u l-irkupru bil-mod;**

Or. en

Emenda 45
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-istokkijiet*** tal-bakkaljaw tal-Baltiku kkollassaw u ma rkuprawx, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;	B. billi ***l-popolazzjonijiet*** tal-bakkaljaw tal-Baltiku kkollassaw u ma rkuprawx, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019; ***billi mijiet ta' eluf ta' bakkaljaw għadhom qed jinqabdu bħala "qabdiet aċċessorji" mis-sajd li primarjament jimmira speċijiet oħra; billi huma meħtieġa aktar miżuri ta' protezzjoni biex jiġi pprevenut aktar kollass tal-popolazzjonijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku;**

Or. en

Emenda 46
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***kkollassaw u ma rkuprawx***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;	B. billi ***l-ICES jistma li*** l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***se jkomplu jiżviluppaw bil-mod, li turi tendenza ta' tnaqqis meta mqabbla ma' snin preċedenti***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;

Or. pl

Emenda 47
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***kkollassaw u ma rkuprawx***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;	B. billi ***l-ICES jistma li*** l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***se jkomplu jiżviluppaw bil-mod, b'xejra ta' tnaqqis meta mqabbla mas-snin preċedenti***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;

Or. en

Emenda 48
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***kkollassaw u ma rkuprawx***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;	B. billi ***l-ICES jistma li*** l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***se jkomplu jiżviluppaw bil-mod, b'xejra ta' tnaqqis meta mqabbla mas-snin preċedenti***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;

Or. en

Emenda 49
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***kkollassaw u ma rkuprawx***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;	B. billi ***l-ICES jistma li*** l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku ***se jkomplu jiżviluppaw bil-mod, b'xejra ta' tnaqqis meta mqabbla mas-snin preċedenti***, minkejja li s-sajd immirat ilu magħluq mill-2019;

Or. en

Emenda 50
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-istokkijiet tas-salamun u tat-troti mhumiex koperti mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku; billi hemm interkonnessjonijiet importanti bejn l-istokkijiet tas-salamun u tat-troti u l-istokkijiet tal-aringi, speċjalment meta jitqiesu l-ekosistemi tal-ikel;

Or. en

Emenda 51
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, iżda jikkostitwixxi 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla f'dan is-segment tal-flotta;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, iżda jikkostitwixxi 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla f'dan is-segment tal-flotta; ***billi l-flotta kostali fuq skala żgħira tiddependi ħafna mid-disponibbiltà ta' stokkijiet akbar ta' ħut, li huma kritiċi għall-vijabbiltà ekonomika tas-settur; u billi l-implimentazzjoni attwali tal-MAP tal-Baħar Baltiku ma indirizzatx din il-ħtieġa b'mod effettiv, u dan wassal għal sfidi soċjoekonomiċi sinifikanti għall-komunitajiet tas-sajd lokali u għas-settur usa';***

Or. en

Emenda 52
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, ***iżda jikkostitwixxi*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ***ogħla f'dan is-segment tal-flotta***;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, ***u*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ***għoli għall-komunitajiet kostali; billi l-irkaptu tas-sajd attiv iservi bħala l-fornitur ewlieni tal-frott tal-baħar fir-reġjun***;

Or. en

Emenda 53
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % ***biss*** tal-piż totali, ***iżda jikkostitwixxi*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla ***f'dan is-segment tal-flotta***;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % tal-piż totali, 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla ***għall-komunitajiet kostali***; ***billi l-irkaptu tas-sajd attiv iservi bħala l-fornitur ewlieni tal-frott tal-baħar fir-reġjun;***

Or. en

Emenda 54
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku ***filwaqt li jħott l-art*** 7 % ***biss*** tal-piż totali***, iżda jikkostitwixxi*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, ***li juri valur miżjud ogħla f'dan is-segment tal-flotta***;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti ***li joperaw*** fil-Baħar Baltiku***, u jikkontribwixxi*** 7 % tal-piż totali ***li jinħatt l-art u*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, ***u b'hekk jipprovdi benefiċċji ekonomiċi u soċjali sinifikanti għall-komunitajiet kostali***;

Or. en

Emenda 55
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, iżda jikkostitwixxi 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla ***f'dan is-segment tal-flotta***;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali, iżda jikkostitwixxi 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ogħla ***għall-komunitajiet kostali***;

Or. pl

Emenda 56
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali***, iżda jikkostitwixxi*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ***ogħla f'dan is-segment tal-flotta***;	C. billi s-sajd kostali fuq skala żgħira jirrappreżenta 92 % tal-bastimenti fil-Baħar Baltiku filwaqt li jħott l-art 7 % biss tal-piż totali ***u*** 22 % tal-valur tal-ħatt l-art, li juri valur miżjud ***għoli għall-komunitajiet kostali***;

Or. en

Emenda 57
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, minkejja d-dominanza numerika tiegħu, is-sajd kostali fuq skala żgħira għandu aċċess limitat għall-kwoti tas-sajd, li fil-biċċa l-kbira huma kkonċentrati f'idejn l-operaturi kbar jew flotot industrijali, li jwassal għall-marġinalizzazzjoni tan-negozji tas-sajd immexxija mill-familji;

Or. pl

Emenda 58
Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Aurelijus Veryga, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda fuq skala żgħira naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet;	D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda fuq skala żgħira naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet; ***filwaqt li jissottolinja wkoll li t-tisħiħ tal-komunitajiet kostali Ewropej u l-appoġġ għas-sajd artiġjanali lokali huma essenzjali biex titnaqqas din id-dipendenza u tiġi żgurata s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali tal-kosta Ewropea;***

Or. es

Emenda 59
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda fuq skala żgħira naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet;	D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda fuq skala żgħira ***fir-reġjun tal-Baħar Baltiku*** naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet;

Or. pl

Emenda 60
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda ***fuq skala żgħira*** naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet;	D. billi, skont valutazzjonijiet mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd tal-Kummissjoni, il-valur miżjud gross għas-sajjieda ***tal-Baltiku*** naqas drastikament minn mindu twaqqaf ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, u dan jhedded is-sigurtà tal-ikel u jżid id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet;

Or. en

Emenda 61
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi d-data disponibbli tindika li s-settur tas-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltiku jikkostitwixxi parti kkonċernata soċjoekonomika ewlenija, b'madwar 11-il miljun ċittadin tal-UE li jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'din l-attività[1a], u li jiġġeneraw kontribuzzjoni ekonomika ta' EUR 1,5 biljun fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u jappoġġjaw il-ħolqien ta' aktar minn 14 000 impjieg Ekwivalenti għall-Full-Time (FTE) relatati mas-sajd rikreattiv tal-baħar[2a];
	[1a] Coalition Clean Baltic (CCB) (2017): Recreational fishing in the Baltic Sea region (Is-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-

Baħar Baltiku)

[2a] Research for PECH Committee - Marine recreational and semi-subsistence fishing - its value and its impact on fish stocks (Riċerka għall-Kumitat PECH - Is-sajd rikreattiv u semisussistenzjarju fil-baħar – il-valur tiegħu u l-impatt tiegħu fuq l-istokkijiet tal-ħut) | Grupp ta' Riflessjoni | Parlament Ewropew https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/601996/IPOL_STU(2017)601996_EN.pdf

Or. en

Emenda 62
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar irid jibbilanċja l-objettivi ambjentali mas-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà tal-prezzijiet u d-disponibbiltà tal-prodotti lokali għaċ-ċittadini tal-UE; billi t-telf tal-provvista tal-ħut li joriġina mill-UE jżid id-dipendenza mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u jdgħajjef ir-reżiljenza tas-suq;

Or. pl

Emenda 63
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-Baħar Baltiku jifforma l-bażi tal-għajxien u l-identità kulturali ta'

eluf ta' familji, u s-sajd, irrispettivament mill-iskala, huwa parti mill-wirt soċjali u ekonomiku tar-reġjun; billi r-restrizzjonijiet fuq is-sajd iridu jiġu implimentati b'mod li ma jagħmilhiex impossibbli li jitmexxa negozju u konsegwentement iwassal għad-depopolazzjoni permanenti ta' żoni kostali u l-għajbien eventwali ta' okkupazzjonijiet relatati mas-sajd;

Or. pl

Emenda 64
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi s-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltika għandu rwol soċjoekonomiku importanti, u għadd sinifikanti ta' ċittadini tal-UE jinvolvu ruħhom regolarment f'din l-attività;

Or. pl

Emenda 65
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dd. billi s-sajd fuq skala żgħira fil-Baħar Baltiku mhuwiex biss parti minn wirt kulturali li ilu għaddej sekli sħaħ, iżda wkoll attività li tingħadda minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni u sors importanti ta' impjieg fir-reġjuni kostali;

Or. pl

Emenda 66
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Baħar Baltiku jbati minn diversi pressjonijiet kkawżati mill-bniedem u minn degradazzjoni fit-tul, u ***huwa vulnerabbli b'mod partikolari*** minħabba ***l-baċir tal-baħar baxx*** tiegħu ***bi*** speċijiet ġenetikament uniċi ***li evolvew*** biex jgħixu fl-ilma salmastru ***b'livelli ta' salinità*** u ossiġenu ***naturalment baxxi***;	E. billi l-Baħar Baltiku jbati minn diversi pressjonijiet kkawżati mill-bniedem u minn degradazzjoni fit-tul, u minħabba ***l-profondità ġeografikament baxxa*** tiegħu***, skambju limitat tal-ilma mal-Baħar tat-Tramuntana u stratifikazzjoni vertikali qawwija, li jirriżultaw fit-taħlit danneġġat tal-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ, huwa waħda mill-aktar ekosistemi tal-baħar sensittivi fid-dinja, li huwa d-dar ta'*** speċijiet ġenetikament uniċi ***adattati*** biex jgħixu fl-ilma salmastru ***b'salinità baxxa*** u ***nuqqas ta'*** ossiġenu;

Or. pl

Emenda 67
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Baħar Baltiku ***jbati minn diversi*** pressjonijiet ***kkawżati mill-bniedem u minn degradazzjoni fit-tul, u huwa vulnerabbli b'mod partikolari minħabba l-baċir tal-baħar baxx tiegħu bi speċijiet ġenetikament uniċi li evolvew biex jgħixu fl-ilma*** salmastru ***b'livelli ta' salinità u ossiġenu naturalment baxxi***;	E. billi l-Baħar Baltiku ***huwa affettwat minn taħlita ta'*** pressjonijiet***, inklużi t-tniġġis residwu, il-munizzjon kimiku, l-ewtrofikazzjoni, l-iżbilanċi tal-predaturi u kundizzjonijiet ambjentali li qed jinbidlu, u l-karattru*** salmastru ***uniku tiegħu jirrikjedi approċċi ta' ġestjoni mfassla apposta għall-ispeċifiċitajiet reġjonali***;

Or. en

Emenda 68
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi filwaqt li ***l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u*** s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, ***is-sajd baqa' fattur*** ta' stress ***qawwi*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin;	F. ***billi s-sajd huwa l-attività ewlenija li għandha impatt fuq l-ekosistema tal-baħar, permezz tal-estrazzjoni selettiva tal-ispeċijiet, u l-kombinament ta' din l-attività ma' pressjonijiet mis-setturi tal-użu tal-art, flimkien mal-iskariku ta' ilma mormi mhux ittrattat, joħolqu pressjonijiet kbar fuq l-ekosistema permezz tal-arrikkiment tan-nutrijenti u dak organiku; billi l-effetti tal-arrikkiment tan-nutrijenti u tas-sajd huma mifruxa fl-ekoreġjun;*** billi filwaqt li s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, ***il-pressjonijiet ambjentali u s-sajd baqgħu fatturi*** ta' stress ***qawwija*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin;

Or. en

Emenda 69
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi filwaqt li l-pressjonijiet upstream ***bħat-tagħbija*** ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi ***bħall-merkurju*** u l-poliklorobifenil naqsu ***maż-żmien, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin***;	F. billi filwaqt li l-pressjonijiet upstream ***bħall-influssi*** ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi***, inklużi l-merkurju*** u l-poliklorobifenil***,*** naqsu ***fl-aħħar deċennji, għad hemm sorsi ta' tixrid u ta' punt tat-tniġġis, inklużi d-dranaġġ muniċipali u l-iskart industrijali, li jaffettwaw ir-riproduzzjoni, is-sopravivenza tal-larvi u l-ħut żgħir, u jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni u d-deterjorament tal-kwalità tal-ilma, u li s-***

sajd huwa biss wieħed minn ħafna fatturi li jaffettwaw l-istat tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku;

Or. pl

Emenda 70
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***filwaqt li*** l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien***, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ***ewlenin***;	F. billi l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien***; billi s-sajd naqqas ukoll l-emissjonijiet u l-pressjoni*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ***f'konformità mal-parir xjentifiku, billi fl-istess ħin il-parks eoliċi lil hinn mill-kosta (OWFs) huma fost l-industriji fuq il-baħar li qed jikbru bl-aktar rata mgħaġġla, bi previżjonijiet li jissuġġerixxu li l-kapaċità se tiżdied b'mod sostanzjali wara l-2025 fil-Baħar Baltiku***;

Or. en

Emenda 71
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***filwaqt li*** l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, ***is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin;	F. billi l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien***; billi s-sajd naqqas l-emissjonijiet u l-pressjoni*** fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin; ***billi l-***

parks eoliċi fuq il-baħar (OWF) huma fost l-industriji fuq il-baħar li qed jikbru bl-aktar rata mgħaġġla;

Or. en

Emenda 72
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***filwaqt li*** l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien***, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin***;	F. billi l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien;

Or. en

Emenda 73
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi ***filwaqt li l-pressjonijiet upstream bħat-tagħbija*** ta' nutrijenti ***u s-sustanzi kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi fuq*** l-istokkijiet tal-ħut ***ewlenin***;	F. billi ***sar progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-inputs*** ta' nutrijenti ***u tas-sustanzi perikoluż, iżda l-influwenza kkombinata tal-predazzjoni naturali, tad-degradazzjoni tal-ħabitats u tal-kundizzjonijiet ambjentali varjabbli għadha taffettwa*** l-istokkijiet tal-ħut;

Or. en

Emenda 74
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi filwaqt li l-pressjonijiet upstream ***bħat-tagħbija ta' nutrijenti u s-sustanzi*** kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin;	F. billi filwaqt li l-pressjonijiet upstream ***bħas-sustanzi*** kimiċi niġġiesa storiċi bħall-merkurju u l-poliklorobifenil naqsu maż-żmien, is-sajd baqa' fattur ta' stress qawwi fuq l-istokkijiet tal-ħut ewlenin;

Or. en

Emenda 75
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi studji reċenti żvelaw li l-metodu tal-forestrija ta' tqaċċit totali tas-siġar, dominanti fir-reġjun Baltiku, huwa assoċjat ma' konsegwenzi ambjentali detrimentali ħafna akbar milli kien preżunt qabel, inkluż għall-ilma, li jirriżultaw prinċipalment minn skular ta' solidi sospiżi, karbonju organiku dissolt, u nutrijenti, li jirriżultaw fi tniġġis tal-kanali tal-ilma[1a]; billi filwaqt li t-tagħbija ta' nutrijenti li tirriżulta mill-agrikoltura ġiet indirizzata inkluż fil-livell tal-UE, it-tagħbija ta' nutrijenti li għaliha setgħet kienet responsabbli ċerta ġestjoni tal-foresti, għad trid titqies kif xieraq meta jiġi vvalutat l-istat tal-baċir tal-Baħar Baltiku;

[1a] Brunner, A., Valkonen, S., Goude, M., Hanssen, K.H., Erefur, C. (2025). Definitions and Terminology: What Is Continuous Cover Forestry in Fennoscandia? (Definizzjonijiet u

Terminoloġija: X'inhi Forestrija ta' Kopertura Kontinwa fil-Fennoskandja?). F': Rautio, P., Routa, J., Huuskonen, S., Holmström, E., Cedergren, J., Kuehne, C. (eds) Continuous Cover Forestry in Boreal Nordic Countries. Managing Forest Ecosystems (Il-Forestrija ta' Kopertura Kontinwa fil-Pajjiżi Nordiċi Boreali. Niġġestixxu l-Ekosistemi tal-Foresti), vol 45. Springer, Cham. https://doi.org/10.1007/978-3-031-70484-0_2

Or. en

Emenda 76
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi ż-żieda fl-attività tal-hekk imsejħa flotta mistura tal-Federazzjoni Russa, li tuża bastimenti li qdiemu li ma jissodisfawx l-istandards ta' sikurezza biex jittrasportaw iż-żejt grezz u l-prodotti tal-petroleum madwar il-Baħar Baltiku, toħloq riskju serju ta' diżastru ambjentali; billi l-konsegwenzi ta' tixrid taż-żejt possibbli jistgħu jaffettwaw il-pajjiżi kollha fir-reġjun, li jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżviluppa pjan ikkoordinat ta' prevenzjoni, rispons u finanzjament għall-emerġenzi fil-każ ta' aċċident, sabiex ma tpoġġix piż fuq l-Istati Membri bl-ispejjeż tal-indirizzar tal-konsegwenzi ta' kontaminazzjoni possibbli;

Or. pl

Emenda 77
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-approċċi fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, bħal dawk tad-Direttiva dwar in-Nitrati, urew li inizjalment kienu ta' suċċess fit-tnaqqis tal-livelli tan-nitroġenu fl-ilmijiet tal-UE u li huma konformi mal-għanijiet tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina li huma fost l-oħrajn li jimminimizzaw l-ewtrofikazzjoni kkawżata mill-bniedem, speċjalment l-effetti negattivi tagħha; billi hemm lok sinifikanti għal titjib fir-rigward tal-implimentazzjoni aggravata mill-effetti idroloġiċi tat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 78
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi, mit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, għexieren ta' eluf ta' tunnellati ta' armi konvenzjonali u kimiċi li fihom sustanzi perikolużi, inklużi aġenti tal-gwerra kimika bħall-mustarda tal-kubrit (gass tal-mustarda), il-gass tad-dmugħ u aġenti paralitici-konvulsivi, li, b'riżultat ta' korrużjoni progressiva, qed jirrilaxxaw gradwalment tossini fl-ambjent tal-baħar, li jwasslu għall-kontaminazzjoni tiegħu, jagħmlu ħsara lill-ekosistemi u t-telfien tal-bijodiversità, kif ukoll joħolqu theddida għas-saħħa tal-bniedem u għall-attivitajiet ekonomiċi dipendenti mill-baħar, inklużi s-sajd, it-trasport, l-estrazzjoni tal-materja prima u l-iżvilupp tal-enerġija tal-baħar;

Or. pl

Emenda 79
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi kwalunkwe tnixxija minn faċilitajiet tal-ħażna tas-sustanzi kimiċi tista' twassal għall-kontaminazzjoni rapida ta' parti kbira mill-Baħar Baltiku, li tkun taqbeż il-kapaċitajiet ta' pajjiżi individwali u tirrikjedi rispons ikkoordinat mill-Unjoni Ewropea;

Or. pl

Emenda 80
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fd. billi r-riabilitazzjoni ta' qiegħ il-baħar tal-Baħar Baltiku, inkluża t-tneħħija tal-armi kimiċi, il-merkanzija tossika u s-sustanzi radjuattivi, tirrikjedi pjan fit-tul u finanzjarjament sigur fil-livell tal-Unjoni Ewropea;

Or. pl

Emenda 81
Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-bidda l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut;	G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-bidda l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut; ***billi sejbiet ġodda jindikaw l-impatt dirett ta' prattiki ta' tqaċċit totali tas-siġar fuq it-temperatura tal-flussi downstream mit-tqaċċit totali tas-siġar, b'effett potenzjali fl-iskala taż-żona tal-ġbir tal-ilma[1a] ; billi l-konsegwenzi tal-bidliet fil-fluttwazzjonijiet termali jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-iżvilupp ta' unitajiet tassonomiċi bħas-salmonidi[2a] jew jiddeterminaw it-tkabbir u s-sopravivenza ta' speċijiet fil-periklu bħall-maskli tal-perli tal-ilma ħelu[3a];***
	[1a] Myrstener, M., Greiser, C., & Kuglerová, L. (2025). Downstream temperature effects of boreal forest clearcutting vary with riparian buffer width (L-effetti tat-temperatura downstream mit-tqaċċit totali tal-foresta boreali jvarjaw skont il-wisa' tal-buffer riparju). Water Resources Research, 61, e2024WR037705. https://doi.org/10.1029/2024WR037705
	[2a] Steel, E. A., Tillotson, A., Larsen, D. A., Fullerton, A. H., Denton, K. P., & Beckman, B. R. (2012). Beyond the mean: The role of variability in predicting ecological effects of stream temperature on salmon (Lil hinn mill-medja: Ir-rwol tal-varjabbiltà fit-tbassir tal-effetti ekoloġiċi tat-temperatura tax-xmara fuq is-salamun). Ecosphere, 3, 1–11. https://doi.org/10.1890/es12-00255.1
	[3a] Wagner, A., Linke, D., Grunicke, F., & Berendonk, T. U. (2024). Thermal tolerance and vulnerability to climate change of a threatened freshwater mussel

(It-tolleranza termali u l-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima ta' masklu tal-ilma ħelu mhedded). Diversity, 16, 1–24. https://doi.org/10.3390/d16010039

Or. en

Emenda 82
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi ***l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut***;	G. billi ***l-varjabbiltà ambjentali u klimatika, inklużi t-tisħin u t-tnaqqis tal-ossiġenu, biddlu d-distribuzzjoni u l-produttività tal-ħut***;

Or. en

Emenda 83
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut;	G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku***, bit-tisħin tal-Baħar Baltiku b'pass li huwa d-doppju ta' dak tal-Oċeani globali[1a]***, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut;

[1a] Baltic Green Transition Information Factory (Baltic GTIF), 14.04.2025

Or. en

Emenda 84
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-impatti tat-tisħin ***tal-ilma baħar xprunati mit-tibdil fil-klima globali huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar*** Baltiku, ***u huma mistennija li jwasslu*** għal aktar ***konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura*** tal-popolazzjonijiet tal-ħut;	G. billi l-impatti tat-tisħin ***tal-ilmijiet tal-Baħar*** Baltiku, ***li qed jipprogressa b'rata darbtejn aktar mgħaġġla mill-medja tal-oċean globali, qed iwasslu għal nuqqasijiet akbar ta' ossiġenu u tfixkil fiċ-ċiklu riproduttiv f'ħafna speċijiet, u jistgħu konsegwentement iwasslu*** għal aktar ***tibdil estensiv u fil-biċċa l-kbira imprevedibbli fil-kapaċità tal-irkupru*** tal-popolazzjonijiet tal-ħut;

Or. pl

Emenda 85
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati ***mit-tibdil fil-klima globali*** huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut;	G. billi l-impatti tat-tisħin tal-ilma baħar xprunati ***minn kundizzjonijiet ambjentali li qed jinbidlu*** huma pjuttost rapidi b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku, u huma mistennija li jwasslu għal aktar konsegwenzi estensivi u fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, inkluża inċertezza dwar il-kapaċità riproduttiva futura tal-popolazzjonijiet tal-ħut;

Or. en

Emenda 86
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi n-nuqqas ta' implimentazzjoni shiha tal-leġiżlazzjoni tal-UE għadu fattur rilevanti u huwa importanti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplimentaw bis-shih il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u jtejbu l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet reġjonali oħra tal-baħar bħall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku sabiex jiġi indirizzat il-falliment tal-ekosistema fil-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 87
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri ***qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva*** Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), ***li jirrikjedu wkoll*** xbieki alimentari u ***stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età*** b'saħħithom;	H. billi ***fl-istabbiliment tal-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) għall-2026,*** l-Istati Membri ***bbilanċjaw b'mod effettiv is-sostenibbiltà ambjentali mar-realtajiet soċjoekonomiċi, filwaqt li żammew livell minimu ta' attività filwaqt li komplew jappoġġjaw l-irkupru tal-istokkijiet***; ***billi d-Direttiva*** Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), ***tirrikjedi li jinkiseb status ambjentali tajjeb,*** xbieki alimentari ***bbilanċjati u stokkijiet*** b'saħħithom ***u tindirizza l-kontaminanti, l-***

ewtrofikazzjoni, l-ispeċijiet invażivi, l-iskart fil-baħar, l-enerġija, inkluż l-istorbju taħt l-ilma, u l-impatti tat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 88
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri ***qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom***;	H. billi l-Istati Membri***, meta jistabbilixxu l-qabdiet totali permissibbli (TACs) għall-2026, għandhom l-għan li jibbilanċjaw l-objettivi ambjentali mar-realtajiet soċjoekonomiċi, filwaqt li jżommu livell minimu ta' attività waqt li jkomplu jappoġġjaw l-irkupru tal-istokkijiet***;

Or. pl

Emenda 89
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu	H. billi l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu

wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;	wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom; ***billi l-Istati Membri ripetutament qed jinjoraw il-parir ta' "qabdiet żero" billi jistabbilixxu kwoti għoljin għall-qabdiet aċċessorji;***

Or. en

Emenda 90
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri ***qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom***;	H. billi ***fl-istabbiliment tal-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) għall-2026,*** l-Istati Membri ***bbilanċjaw b'mod effettiv is-sostenibbiltà ambjentali mar-realtajiet soċjoekonomiċi, filwaqt li żammew livell minimu ta' attività filwaqt li komplew jappoġġjaw l-irkupru tal-istokkijiet***;

Or. en

Emenda 91
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri ***qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP***	H. billi ***fl-istabbiliment tal-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) għall-2026,*** l-Istati Membri ***bbilanċjaw b'mod effettiv is-sostenibbiltà ambjentali mar-realtajiet soċjoekonomiċi, u żammew livell minimu ta' attività filwaqt li komplew jappoġġjaw***

tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;	***l-irkupru tal-istokkijiet***;

Or. en

Emenda 92
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, ***filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament*** dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;	H. billi l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, ***u dan iqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà ta' dawk id-deċiżjonijiet mal-liġi rilevanti tal-UE bħar-Regolament*** dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;

Or. en

Emenda 93
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż għall-istokkijiet tal-ħut li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP***	H. billi ***l-ilħuq tal-mira tal-MSY għal kull speċi simultanjament, filwaqt li jitqiesu d-dipendenzi kritiċi bejn l-ispeċijiet, bħal dawk bejn il-laċċa kaħla u l-bakkaljaw, mhuwiex realistiku u jwassal għal impatti soċjoekonomiċi negattivi fuq***

tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari u stokkijiet ibbilanċjati b'daqs u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;

l-industrija tas-sajd u l-komunitajiet kostali;

Or. en

Emenda 94
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi ***l-Istati Membri qed ikomplu jistabbilixxu kwoti għoljin b'mod perikoluż*** għall-istokkijiet tal-ħut ***li huma f'livelli baxxi rekord ta' bijomassa, jew qrib tagħhom, filwaqt li jinjoraw il-livelli meħtieġa mir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku u mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD), li jirrikjedu wkoll xbieki alimentari*** u ***stokkijiet ibbilanċjati b'daqs*** u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom;	H. billi ***d-deċiżjonijiet reċenti dwar il-kwoti*** għall-istokkijiet tal-ħut ***irriflettew kombinament ta' pariri xjentifiċi, kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi u realtajiet reġjonali, huwa essenzjali li jiġi żgurat li kemm is-sostenibbiltà bijoloġika kif ukoll il-vijabbiltà tal-komunitajiet tas-sajd ikunu bbilanċjati,*** u ***l-istokkijiet ikunu ta' daqs*** u distribuzzjoni tal-età b'saħħithom***;***

Or. en

Emenda 95
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi d-denfil iswed tal-Baħar Baltiku qed jiffaċċja l-estinzjoni u fadal biss ftit mijiet minn dawn l-annimali; billi din l-ispeċi tinsab taħt theddida kontinwa li tinqabad bħala "qabda aċċessorja", minn kontaminanti ambjentali, minn tnaqqis tal-priża u mid-disturb mill-

istorbju taħt l-ilma;

Or. en

Emenda 96
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-implimentazzjoni attwali tal-MAP naqset milli trawwem kooperazzjoni reġjonali effettiva, u s-suċċess tagħha huwa mminat minn nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti fil-livell reġjonali;

Or. en

Emenda 97
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-kisba tar-rata ta' sfruttament tal-MSY kif minquxa fil-PKS tapplika b'mod strett u mingħajr eċċezzjoni għall-istokkijiet fil-mira elenkati;

Or. en

Emenda 98
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Hb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Hb. billi r-regoli eżistenti dwar il-flessibbiltà minn sena għal sena kif minquxa fil-PKS intużaw ħażin u jimminaw il-ġestjoni tal-kwoti; billi l-Kunsill f'xi każijiet iddeċieda li ma jużax din il-possibbiltà minħabba sitwazzjonijiet kritiċi ta' stokkijiet; billi ma hemm l-ebda regola ċara għall-użu ta' din il-flessibbiltà fuq tali stokkijiet;

Or. en

Emenda 99
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti trasferibbli individwali biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi; ***billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % biss tal-qabdiet rispettivament;***	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti trasferibbli individwali biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi;

Or. en

Emenda 100
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta'*** kwoti trasferibbli individwali ***biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi***; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % biss tal-qabdiet rispettivament;	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***; billi l-Istati Membri Baltiċi introduċew*** kwoti trasferibbli individwali; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % biss tal-qabdiet rispettivament;

Or. en

Emenda 101
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti*** trasferibbli individwali ***biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi***; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % ***biss*** tal-qabdiet rispettivament;	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***; billi l-Istati Membri Baltiċi introduċew kwota*** trasferibbli individwali; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % tal-qabdiet rispettivament;

Or. en

Emenda 102
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi s-sajd industrijali għall-frakass	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass

tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti*** trasferibbli individwali ***biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi***; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % ***biss*** tal-qabdiet rispettivament;	tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***; billi l-Istati Membri Baltiċi introduċew kwota*** trasferibbli individwali; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % tal-qabdiet rispettivament;

Or. en

Emenda 103
Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti*** trasferibbli individwali ***biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi***; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % ***biss*** tal-qabdiet rispettivament;	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***; billi l-Istati Membri Baltiċi introduċew kwota*** trasferibbli individwali; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % tal-qabdiet rispettivament;

Or. en

Emenda 104
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu	I. billi s-sajd industrijali għall-frakass tal-fdal tal-ħut u għaż-żejt tal-ħuta ilu

awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***, u minn dak iż-żmien is-sajd ġie ttrasformat b'sistemi ta' kwoti*** trasferibbli individwali ***biex jiġu ospitati anqas bastimenti u bastimenti akbar li jiddominaw il-ħatt l-art tal-aringi***; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % biss tal-qabdiet rispettivament;	awtorizzat fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mill-1995***; billi l-Istati Membri Baltiċi introduċew kwota*** trasferibbli individwali; billi llum fl-Iżvezja u fil-Finlandja, jintużaw għall-konsum dirett mill-bniedem 10 % u 17 % biss tal-qabdiet rispettivament;

Or. en

Emenda 105
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-użu mifrux ta' Kwoti Trasferibbli Individwali (ITQs) iffavorixxa operazzjonijiet industrijali kbar għad-detriment tal-popolazzjonijiet tal-ħut u s-sajjieda fuq skala żgħira;

Or. en

Emenda 106
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-impatt fuq l-istruttura tal-istokk huwa primarjament iddeterminat mill-irkaptu u t-tekniki tas-sajd użati, irrispettivament mill-użu sussegwenti tal-qabda;

Or. pl

Emenda 107
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet individwali u l-pariri xjentifiċi, ***fil-kundizzjonijiet*** ambjentali ***attwali***, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;	J. billi l-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet individwali u l-pariri xjentifiċi, ***fil-kuntest tal-kundizzjonijiet*** ambjentali ***speċifiċi fil-Baħar Baltiku***, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk***, li juri l-ħtieġa ta' aktar approċċi speċifiċi għall-baċiri tal-baħar***;

Or. en

Emenda 108
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi ***l-valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet ***individwali*** u ***l-pariri*** xjentifiċi***, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw*** fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;	J. billi ***ċerti valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet u ***pariri*** xjentifiċi ***rriżultaw*** fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk***, li jaffettwaw ħafna r-riżorsa u l-ġestjoni u l-kapaċità operazzjonali tas-settur tas-sajd tal-Baltiku***;

Or. en

Emenda 109
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

J. billi l-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet individwali u l-pariri xjentifiċi, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;	J. billi l-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet individwali u l-pariri xjentifiċi, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk; ***billi r-rapportar ħażin għadu kwistjoni kontinwa fis-sajd tal-Baltiku;***

Or. en

Emenda 110
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi ***l-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet individwali u l-pariri xjentifiċi***, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, ***irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali*** tal-kapaċità riproduttiva ***tal-istokk*** u ***tad-daqs*** totali ***tal-istokk***;	J. billi, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali ***li qed jinbidlu b'mod dinamiku***, ***bi pressjoni tal-ossiġenu u trofika dejjem tiżdied, l-użu ta' valutazzjonijiet xjentifiċi bbażati biss fuq analiżi ta' speċi waħda jwassal għal valutazzjoni ħażina*** tal-kapaċità riproduttiva u ***tal-bijomassa*** totali;

Or. pl

Emenda 111
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi ***l-valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet ***individwali*** u ***l-pariri*** xjentifiċi***, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw*** fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;	J. billi ***ċerti valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet u ***pariri*** xjentifiċi ***rriżultaw*** fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk***, kif ukoll ħolqu instabbiltà fl-operazzjonijiet kummerċjali tal-kumpaniji tas-sajd tal-Baltiku***;

Or. en

Emenda 112
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi ***l-valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet individwali u ***l-pariri*** xjentifiċi, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;	J. billi ***ċerti valutazzjonijiet*** tal-ispeċijiet individwali u ***pariri*** xjentifiċi, fil-kundizzjonijiet ambjentali attwali, irriżultaw fl-istima eċċessiva strutturali tal-kapaċità riproduttiva tal-istokk u tad-daqs totali tal-istokk;

Or. en

Emenda 113
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-effettività tal-Obbligu ta' Ħatt l-Art fil-Baħar Baltiku għadha mfixkla mill-implimentazzjoni dgħajfa tiegħu; billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jippreżentaw riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art ikollhom installat abbord sistema REM operazzjonali u jistgħu jipprovdu din il-miżura wkoll għal bastimenti iżgħar abbażi tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art;

Or. en

Emenda 114

Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi ***l-parir*** mill-ICES ***ma jenfasizzax biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju*** u ***għandu jittejjeb*** biex ***jirrifletti*** aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet ***u l-kwistjonijiet rilevanti***;	K. billi ***r-rakkomandazzjonijiet preċedenti*** mill-ICES ***ma qisux biżżejjed l-inċertezzi u l-fatturi ambjentali li jaffettwaw l-istat tal-istokkijiet, bħan-nuqqas tal-ossiġenu, id-disponibbiltà tal-ikel u r-relazzjonijiet bejn l-ispeċijiet,*** u ***għandhom jittejbu*** biex ***jirriflettu*** aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet;

Or. pl

Emenda 115
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi ***l-parir mill-ICES*** ma ***jenfasizzax*** biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u ***għandu jittejjeb*** biex ***jirrifletti*** aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;	K. billi ***t-talbiet għal parir magħmula mill-Kummissjoni lill-ICES*** ma ***jinkludux*** biżżejjed ***il-ħtieġa li jenfasizzaw*** il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u ***t-talba għandha tittejjeb*** biex ***tirrifletti*** aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;

Or. en

Emenda 116
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-parir mill-ICES ma	K. billi l-parir mill-ICES ma

jenfasizzax biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u għandu ***jittejjeb*** biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;	jenfasizzax biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u għandu ***jkompli jevolvi, u jinkludi komunikazzjoni aħjar tal-inċertezza tad-data,*** biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;

Or. en

Emenda 117
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-parir mill-ICES ***ma jenfasizzax biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u*** għandu jittejjeb biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;	K. billi l-parir mill-ICES għandu jittejjeb biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;

Or. en

Emenda 118
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-parir mill-ICES ***ma jenfasizzax biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u*** għandu jittejjeb biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;	K. billi l-parir mill-ICES għandu jittejjeb biex jirrifletti aħjar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;

Or. en

Emenda 119
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi l-parir mill-ICES ***ma jenfasizzax*** biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u ***għandu jittejjeb biex*** jirrifletti ***aħjar il-kwalità*** tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;	K. billi l-parir mill-ICES ***jenfasizza*** biżżejjed il-kunsiderazzjonijiet tar-riskju u jirrifletti ***l-kwalità*** il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-kwistjonijiet rilevanti;

Or. en

Emenda 120
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-istruttura ġenetika tal-popolazzjonijiet u tas-sottopopolazzjonijiet tal-istokkijiet sfruttati kummerċjalment mhijiex kompletament magħrufa;

Or. en

Emenda 121
Sofie Eriksson, André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi s-settur tas-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltiku jikkostitwixxi parti kkonċernata soċjoekonomika ewlenija, li tirrappreżenta madwar 8 sa 10 miljun ċittadin tal-UE li jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'din l-attività[1a], li tiġġenera kontribuzzjoni ekonomika ta' EUR 1,558

miljun fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u;

---

*[1a] **Coalition Clean Baltic (CCB) | Recreational fishing in the Baltic Sea region (Is-Sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltiku) | 2017 (p.6)***

Or. en

Emenda 122
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand u l-Awstralja jużaw approċċ aktar kawt biex jiffissaw il-kwoti mill-UE u jinkludu riżervi ta' inċertezza espliċiti u pjanijiet ta' bini mill-ġdid li jiġu skattati awtomatikament meta jinqabżu l-valuri ta' limitu;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 123
Sofie Eriksson, André Rodrigues, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand u l-Awstralja jużaw approċċ aktar kawt biex jiffissaw il-kwoti mill-UE u jinkludu riżervi ta' inċertezza espliċiti u pjanijiet ta' bini mill-ġdid li jiġu skattati awtomatikament meta jinqabżu l-valuri ta' limitu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 124
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand u l-Awstralja ***jużaw approċċ aktar kawt biex jiffissaw il-kwoti mill-UE u jinkludu riżervi ta' inċertezza espliċiti u pjanijiet*** ta' bini mill-ġdid ***li jiġu skattati awtomatikament meta jinqabżu l-valuri ta' limitu***;	M. billi ***nazzjonijiet oħra tas-sajd, inklużi*** l-Istati Uniti, il-Kanada, New Zealand u l-Awstralja***, japplikaw sistemi differenti ta' ġestjoni bbażati fuq ix-xjenza bi gradi differenti ta' prekawzjoni u mekkaniżmi awtomatiċi*** ta' bini mill-ġdid;

Or. en

Emenda 125
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi żoni marini protetti konnessi tajjeb u protetti b'mod effettiv huma rikonoxxuti bħala għodod importanti fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għal għanijiet usa' bħall-bijodiversità, ir-reżiljenza, u s-saħħa tal-ekosistema; billi r-restawr tal-ekosistemi kostali veġetati bħall-bwar mareali u l-alki tal-qiegħ (ekosistemi tal-karbonju blu kostali) jista' jipprovdi mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima permezz ta' żieda fl-użu u l-ħżin tal-karbonju;

Or. en

Emenda 126

Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi d-deċiżjonijiet dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC), ir-regoli tekniċi u l-miżuri ta' rimedju ma segwewx ir-rekwiżit tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku li jiġu adottati miżuri "biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY";	***imħassar***

Or. pl

Emenda 127
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi d-deċiżjonijiet dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC), ir-regoli tekniċi u l-miżuri ta' rimedju ma segwewx ir-rekwiżit tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku li jiġu adottati miżuri "biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY";	***imħassar***

Or. en

Emenda 128
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi d-deċiżjonijiet dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC), ir-regoli tekniċi u l-miżuri ta' rimedju ma segwewx ir-rekwiżit tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku li jiġu adottati miżuri "biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY";	***imħassar***

Or. en

Emenda 129
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi ***d-deċiżjonijiet dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC), ir-regoli tekniċi u l-miżuri ta' rimedju ma segwewx ir-rekwiżit*** tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***li jiġu adottati miżuri*** "biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY";	N. billi ***l-implimentazzjoni*** tal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***ma kinitx biżżejjed, u fejn ittieħdu azzjonijiet*** "biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk ikkonċernat għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY"***, dawn ma laħqux l-għan tagħhom, bħal deċiżjonijiet dwar il-qabdiet totali permissibbli (TAC), miżuri dwar regoli tekniċi, u miżuri ta' rimedju oħra***;

Or. en

Emenda 130
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi hemm ambigwità ċara bejn l-

Artikolu 4(6) u l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, li twassal għal inċertezza legali dwar l-applikabbiltà tagħhom; billi huwa meħtieġ li jkun hemm aktar ċarezza u konsistenza legali fir-rigward tal-miżuri li l-Kunsill għandu s-setgħa u li huwa meħtieġ li jieħu meta jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd;

Or. en

Emenda 131
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi filwaqt li r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat, dawn il-bidliet kellhom suċċess limitat;	O. billi filwaqt li r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat, dawn il-bidliet kellhom suċċess limitat***, primarjament minħabba azzjoni limitata mill-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 132
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ***filwaqt li*** r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat***, dawn il-bidliet kellhom suċċess limitat***;	O. billi r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat;

Or. en

Emenda 133
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ***filwaqt li*** r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat***, dawn il-bidliet kellhom suċċess limitat***;	O. billi r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat;

Or. en

Emenda 134
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ***filwaqt li*** r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***kien*** maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat***, dawn il-bidliet kellhom suċċess limitat***;	O. billi r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***huwa*** maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat;

Or. en

Emenda 135
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ***filwaqt li*** r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont approċċ reġjonalizzat***, dawn il-bidliet***	O. billi r-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku kien maħsub biex ikun qafas flessibbli li għandu jiġi aġġustat skont

kellhom suċċess limitat;	approċċ reġjonalizzat;

Or. en

Emenda 136
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi s-sajd tradizzjonali huwa okkupazzjoni antika sekli bbażata fuq għarfien mgħoddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, u l-esperjenza tas-sajjieda, li għandha l-għeruq sodi fir-rispett għall-baħar u r-riżorsi naturali, hija element ewlieni fil-formulazzjoni xierqa tal-politiki, il-pjanijiet ta' ġestjoni u l-miżuri biex jiġi protett l-ambjent tal-baħar;

Or. pl

Emenda 137
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***filwaqt li*** diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom***, id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ma segwewhomx biżżejjed***;	P. billi diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom;

Or. pl

Emenda 138

Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***filwaqt li*** diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom***,*** ***id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ma segwewhomx biżżejjed***;	P. billi diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom;

Or. en

Emenda 139
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***filwaqt li*** diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom***,*** ***id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ma segwewhomx biżżejjed***;	P. billi diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom;

Or. en

Emenda 140
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***filwaqt li*** diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-	P. billi diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-

MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom***, id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ma segwewhomx biżżejjed;***	Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom**.**

Or. en

Emenda 141
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***filwaqt li*** diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom***, id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ma segwewhomx biżżejjed***;	P. billi diversi regolamenti tal-UE msemmija fir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku jistipulaw kif għandu jiġi evitat ir-riskju, u jivvalutaw stokkijiet u komponenti tal-ekosistema b'saħħithom;

Or. en

Emenda 142
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi s-sajd tax-xitwa għal speċijiet pelaġiċi matul il-perjodu ta' tkabbir intensiv u ta' akkumulazzjoni ta' riżervi tal-enerġija tagħhom qabel ibidu jdgħajjef il-kapaċità riproduttiva tal-istokkijiet, peress li n-nisa mċaħħda minn nutrizzjoni adegwata jipproduċu anqas bajd u bajd li mhuwiex żviluppat sew, li jillimita s-suċċess riproduttiv u jxekkel l-irkupru tal-popolazzjoni;

Or. pl

Emenda 143
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' speċijiet oħra, minkejja l-fatt li huma parti minn ekosistema waħda u li jikkondividu l-istess rekwiżiti biex jilħqu status b'saħħtu;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 144
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u ***l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta'*** speċijiet oħra, ***minkejja l-fatt li huma parti minn ekosistema waħda u li jikkondividu l-istess rekwiżiti biex jilħqu*** status b'saħħtu;	Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u ***tapplika approċċ prekawzjonarju għal*** speċijiet oħra, ***biex iżommu*** status b'saħħtu;

Or. en

Emenda 145
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' speċijiet oħra, ***minkejja l-fatt*** li huma parti minn ekosistema waħda ***u li jikkondividu l-istess rekwiżiti biex jilħqu status b'saħħtu***;	Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' speċijiet oħra, li huma parti minn ekosistema waħda;

Or. en

Emenda 146
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u ***l-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta'*** speċijiet oħra***, minkejja l-fatt li huma parti minn ekosistema waħda u li jikkondividu l-istess rekwiżiti*** biex jilħqu status b'saħħtu;	Q. billi s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE dwar it-TACs bħalissa tiddistingwi bejn il-ġestjoni tal-ispeċijiet fil-mira u ***tapplika approċċ prekawzjonarju għal*** speċijiet oħra biex jilħqu ***jew iżommu*** status b'saħħtu;

Or. en

Emenda 147
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi ekosistema funzjonali hija

definita sew fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) u tirrikjedi li l-elementi kollha tax-xbieki alimentari tal-baħar, sa fejn ikunu magħrufa, iseħħu f'abbundanza u diversità normali u f'livelli li kapaċi jiżguraw l-abbundanza fit-tul tal-ispeċijiet u ż-żamma tal-kapaċità riproduttiva sħiħa tagħhom;

Or. en

Emenda 148
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qb. billi l-ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema hija definita mill-UNEP bħala "l-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem u l-impatti tagħhom fuq l-ekosistemi u r-riżorsi naturali abbażi tal-kunsiderazzjoni tal-ekosistema kollha";

Or. en

Emenda 149
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi ***l-predazzjoni*** minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi ***l-evidenza xjentifika turi li l-impatt*** tagħhom fuq ***il-popolazzjonijiet*** tal-ħut ***huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi***, għalkemm il-predazzjoni*** minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika***, l-impatt negattiv tal-predaturi fuq l-istokkijiet tal-bakkaljaw hija sottovalutata, peress li ż-żieda fl-għadd tagħhom ikkontribwiet b'mod drammatiku għaż-żieda fil-parassitiżmu tal-fwied tal-bakkaljaw min-***

	nematodi, li kkawża tnaqqis sinifikanti fil-kundizzjoni u żieda probabbli fir-rati tal-mortalità naturali tal-bakkaljaw infettat; billi ***l-popolazzjoni dejjem tikber ta' marguni (Phalacrocorax carbo sinensis) fl-Ewropa kollha qed tpoġġi pressjoni serja fuq il-bijodiversità tal-ispeċijiet tal-ħut, peress li dawn l-għasafar – peress li huma predaturi mobbli ħafna u b'aptit estremament kbir – jikkawżaw ħsara lis-sajd u l-akkwakultura, u l-predazzjoni*** tagħhom***, ikkonfermata minn studji telemetriċi, għandha impatt rapidu u negattiv b'mod allarmanti*** fuq ***l-istokkijiet*** tal-ħut ***kemm f'ilmijiet tal-baħar kif ukoll dawk interni***;
	Or. pl

Emenda 150
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi ***l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika***; billi ***l-evidenza xjentifika turi li*** l-impatt ***tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi ***l-implimentazzjoni attwali tal-MAP ma appoġġjatx b'mod effettiv approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, li għandu jintegra l-fatturi ambjentali u l-interazzjonijiet tal-ispeċijiet bħala komponenti fundamentali***; billi ***l-MAP jinjora r-rwol kritiku tal-interdipendenzi tal-ispeċijiet, kif ukoll l-istruttura tal-età tal-istokkijiet tal-ħut; billi*** l-impatt ***tal-predaturi mhux tal-ħut, bħall-foki u l-marguni, u t-trażmissjoni tal-mard minn dawn l-ispeċijiet mhumiex indirizzati b'mod adegwat, minkejja l-effetti sinifikanti tagħhom fuq l-istokkijiet tal-ħut***;
	Or. en

Emenda 151
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi l-evidenza xjentifika turi li ***l-impatt tagħhom*** fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut ***huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi ***hemm popolazzjoni dejjem tikber ta' predaturi fil-Baħar Baltiku, inklużi l-marguni u l-foki; billi*** l-evidenza xjentifika turi li ***għandhom impatt*** fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut***, filwaqt li d-data dwar il-firxa ta' dan l-impatt hija limitata***; ***billi l-fatturi kollha li jaffettwaw il-popolazzjonijiet tal-ħut għandhom jitqiesu sabiex jinbnew mill-ġdid l-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku;***

Or. en

Emenda 152
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni ***minn speċijiet indiġeni hija*** parti ***naturali tal-ekosistema*** Baltika; ***billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni ***naturali tifforma*** parti ***mill-ekosistema*** Baltika***, iżda l-popolazzjonijiet dejjem jikbru ta' ċerti speċijiet protetti, bħall-foki griżi u l-marguni, wasslu għal żieda fl-impatti lokalizzati fuq l-istokkijiet tal-ħut, l-irkaptu tas-sajd u l-qabdiet; billi l-indirizzar ta' dawn l-interazzjonijiet jirrikjedi miżuri ta' ġestjoni mmirati u effettivi bbażati fuq ix-xjenza u d-djalogu mal-komunitajiet tas-sajd affettwati***;

Or. en

Emenda 153
Emma Wiesner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut huwa lokalizzat***,*** speċifiku għall-kuntest ***u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi ***l-predazzjoni bl-espansjoni tal-popolazzjonijiet tal-foki u tal-marguni jista' jkollha wkoll impatt sinifikanti fuq is-sopravivenza tal-bakkaljaw żgħir, b'mod partikolari għall-Merluzz tal-Baltiku tal-Punent; billi*** l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut huwa ***fil-biċċa l-kbira*** lokalizzat ***u*** speċifiku għall-kuntest;

Or. en

Emenda 154
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi ***l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi ***l-popolazzjoni tal-marguni żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u eżerċitat pressjoni konsiderevoli fuq l-istokkijiet tal-ħut u speċjalment fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, u b'hekk enfasizzat il-ħtieġa ta' Pjan ta' Kontroll tal-Istokkijiet tal-Marguni għall-UE kollha, kif propost reċentement mill-"Framework for a European Management Plan for the Great Cormorant" tal-EIFAAC;***

Or. en

Emenda 155

Carmen Crespo Díaz, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Riho Terras

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema ***Baltika***; billi ***l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet*** tal-ħut ***huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema ***tal-baħar Baltiku***; billi, ***madankollu, iż-żieda bla kontroll fil-popolazzjonijiet tal-foki u l-marguni qed toħloq żbilanċ ekoloġiku serju u qed thedded l-irkupru tal-popolazzjonijiet*** tal-ħut***, filwaqt li taggrava d-diffikultajiet tas-settur tas-sajd tar-reġjun***;

Or. es

Emenda 156
Asger Christensen, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni minn ***speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika***; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut ***huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni minn ***popolazzjonijiet tal-foki u tal-marguni li qed jespandu għandha wkoll impatt sinifikanti fuq is-sopravivenza tal-bakkaljaw żgħir, b'mod partikolari għall-Merluzz tal-Baltiku tal-Punent***; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut ***jikkawża tnaqqis u jipprevjeni l-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut***;

Or. en

Emenda 157
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut ***huwa lokalizzat, speċifiku għall-kuntest u b'effetti ġenerali li jibqgħu limitati***;	R. billi l-predazzjoni minn speċijiet indiġeni ***bħall-foki u l-marguni*** hija parti naturali tal-ekosistema Baltika; billi l-evidenza xjentifika turi li l-impatt ***dejjem jikber*** tagħhom fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut ***qed jikkawża tnaqqis kbir u qed jipprevjeni l-irkupru tal-istokkijiet***;
	Or. en

Emenda 158
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ra. billi s-sajd rikreattiv għandu valur soċjali u ekonomiku konsiderevoli anke lil hinn minn termini monetarji u s-sajjieda jikkontribwixxu għall-isforzi ta' restawr u għall-protezzjoni tan-natura; billi s-sajd rikreattiv jista' jkollu impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ħut u l-Istati Membri għandhom, għalhekk, jiżguraw li dawn jitwettqu b'mod li jkun kompatibbli mal-objettivi tal-PKS; billi s-sajjieda rikreattivi huma wkoll utenti leġittimi tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
	Or. en

Emenda 159
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ra. billi l-ġestjoni tal-predaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tal-predaturi, bħall-foki u l-marguni, fuq ir-rati ta' mortalità naturali għal ċerti speċijiet ta' ħut, hija kwistjoni kritika li ma ġietx indirizzata b'mod adegwat mill-MAP; billi l-MAP naqas milli jippromwovi kooperazzjoni reġjonali effettiva fil-ġestjoni ta' dawn l-isfidi interrelatati, li huma essenzjali għas-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur;

Or. en

Emenda 160
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ra. billi l-popolazzjoni tal-marguni żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u eżerċitat pressjoni konsiderevoli fuq l-istokkijiet tal-ħut u speċjalment fir-reġjun tal-Baħar Baltiku, u b'hekk enfasizzat il-ħtieġa ta' Pjan ta' Kontroll tal-Istokkijiet tal-Marguni għall-UE kollha, kif propost reċentement mill-Kummissjoni Konsultattiva Ewropea għas-Sajd Intern u l-Akkwakultura (EIFAAC) tal-FAO "Framework for a European Management Plan for the Great Cormorant"[1a]

1a https://www.fao.org/fishery/services/storage/fs/fishery/documents/EIFAAC/cormorantsplan/EuropeanManagementPlanforCormorants-April2025.pdf

Or. en

Emenda 161
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ra (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ra. billi approċċ aktar olistiku għas-sitwazzjoni fil-Baħar Baltiku kien l-għan tad-dikjarazzjoni ministerjali mill-konferenzi "Il-Baltiku Tagħna"; billi r-riżultati konkreti minn dawn il-konferenzi u d-dikjarazzjoni kienu limitati, speċjalment f'termini ta' progress fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ambjentali;

Or. en

Emenda 162
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Rb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rb. billi fir-rigward tal-adozzjoni ta' pjan Ewropew ta' kontroll tal-istokkijiet tal-marguni li għandu l-għan li jimmitiga l-impatt dejjem jikber tal-marguni fuq l-istokkijiet tal-ħut, is-sajd u l-akkwakultura, il-Parlament iddeskriva sensiela ta' miżuri potenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi kontinwi ppreżentati mill-popolazzjonijiet tal-marguni;

Or. en

Emenda 163
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Rb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rb. billi l-ICES ilu mill-2022 jagħti l-parir li jitwaqqfu l-qabdiet kummerċjali u rikreattivi kollha tas-salamun fil-baċir ewlieni minħabba s-sajd imħallat, li jaqbad is-salamun minn diversi stokkijiet tax-xmajjar, inkluż stokkijiet mhedda;

Or. en

Emenda 164
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Rc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rc. billi l-popolazzjonijiet dejjem jikbru ta' foki griżi u marguni kkontribwew għal pressjoni ogħla ta' predazzjoni, ħsara fl-irkaptu u telf ekonomiku fis-sajd kostali, li affettwaw il-vijabbiltà fit-tul tal-operaturi fuq skala żgħira u n-nisġa soċjali tal-komunitajiet tas-sajd;

Or. en

Emenda 165
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH), grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH), grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-

UE;	UE; ***billi minħabba r-reġjonalizzazzjoni u sabiex tiġi żgurata ġestjoni flessibbli, BALTFISH jista' jressaq "rakkomandazzjonijiet konġunti" rigward miżuri speċifiċi li għandhom jiġu ssimplifikati;***

Or. en

Emenda 166
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH)***, grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-UE***;	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH);

Or. en

Emenda 167
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH)***, grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-UE***;	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH);

Or. en

Emenda 168
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH)***, grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-UE;***	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH)**.**

Or. en

Emenda 169
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH)***, grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-UE***;	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH);

Or. en

Emenda 170
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH), ***grupp li huwa nieqes mit-trasparenza meta mqabbel ma' korpi preparatorji u gruppi ta' ħidma oħra tal-UE***;	S. billi d-diskussjonijiet preparatorji dwar id-deċiżjonijiet dwar it-TACs isiru fil-Forum dwar is-Sajd fil-Baħar Baltiku (BALTFISH), ***u trasparenza u ftuħ akbar ikunu ta' benefiċċju biex tittejjeb il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati u tiġi żgurata komunikazzjoni aktar ċara tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri***;
	Or. en

Emenda 171
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi l-istabbiliment tal-kwoti tas-sajd għal sena biss ixekkel l-ippjanar ekonomiku, tal-investiment u tal-impjieg fis-settur tas-sajd, filwaqt li fl-istess ħin potenzjalment iwassal għal pressjoni eċċessiva fuq terminu qasir fuq ir-riżorsi; billi qafas ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' sentejn jew tliet snin ikun jippermetti ġestjoni aktar stabbli, jippromwovi l-irkupru tal-ekosistema u ġbir tad-data aktar affidabbli dwar l-istokkijiet;
	Or. pl

Emenda 172
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi s-settur tas-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltiku jikkostitwixxi parti kkonċernata soċjoekonomika ewlenija, li tirrappreżenta madwar 8 sa 10

miljun ċittadin tal-UE li jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'din l-attività,[2a]u li jiġġeneraw kontribuzzjoni ekonomika ta' EUR 1,558 miljun fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u tappoġġja l-ħolqien ta' 14,473 impjieg Ekwivalenti għall-Full-Time (FTE);[3a]

[2a] Coalition Clean Baltic (CCB) | Recreational fishing in the Baltic Sea region (Is-sajd rikreattiv fir-reġjun tal-Baħar Baltiku) | 2017 (p.6)

[3a] Research for PECH Committee - Marine recreational and semi-subsistence fishing - its value and its impact on fish stocks (Riċerka għall-Kumitat PECH - Is-sajd rikreattiv u semisussistenzjarju fil-baħar – il-valur tiegħu u l-impatt tiegħu fuq l-istokkijiet tal-ħut) | Grupp ta' Riflessjoni | Parlament Ewropew

Or. en

Emenda 173
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi l-azzjonijiet kif ukoll in-nuqqas ta' azzjonijiet meħuda mir-Russja fil-qasam tal-ġestjoni tas-sajd huma inkwetanti fil-kuntest tal-irkupru meħtieġ tal-Baħar Baltiku; billi l-flotta mistura Russa toħloq theddid serju mhux biss għall-ekosistema tal-baħar, iżda wkoll għall-istat tas-sigurtà tal-Baħar Baltiku kollu kemm hu;

Or. en

Emenda 174

Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi diversi konklużjonijiet mir-rapporti politiċi u xjentifiċi jindikaw il-ħtieġa ta' approċċ imtejjeb għat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ħtieġa li jitwaqqaf il-ħsieb kompartimentalizzat, u l-ħtieġa tal-applikazzjoni ta' approċċ kompletament olistiku;

Or. en

Emenda 175
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sb. billi s-sajjieda rikreattivi għandhom rwol dejjem aktar importanti fil-komunitajiet tal-Baħar Baltiku, u jgħaqqdu l-protezzjoni ambjentali mal-iżvilupp ekonomiku lokali; jisħaq li s-sajd għandu impatt minimu fuq l-istokkijiet tal-ħut, filwaqt li jappoġġja t-turiżmu, in-negozji żgħar, l-industrija tal-catering u l-kultivazzjoni ta' tradizzjonijiet u kultura kostali, li jġibu benefiċċji ekonomiċi reali mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-ekosistema;

Or. pl

Emenda 176
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Sb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sb. billi s-sostenibbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd tal-Baltiku tiddependi mill-integrazzjoni tal-objettivi ambjentali, ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jiġi żgurat li l-miżuri ta' ġestjoni jissalvagwardjaw l-impjiegi, il-koeżjoni reġjonali u l-provvista alimentari fiż-żoni kostali;

Or. en

Emenda 177
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sb. billi l-Patt għall-Oċeani tal-2025, li jħabbar Att dwar l-Oċeani legalment vinkolanti futur, jiddeskrivi l-mod kif għandhom jiġu ċċarati l-interpretazzjoni legali u l-prijoritajiet tal-politiki eżistenti;

Or. en

Emenda 178
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sc. billi l-għarfien reġjonali u lokali, inkluż dak tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali, jirrappreżenta komponent essenzjali ta' ġestjoni effettiva;

Or. en

Emenda 179
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sd. billi mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-preżenza tal-flotta mistura tar-Russja fil-Baħar Baltiku qed tiżdied; billi dawn il-bastimenti joperaw b'kunsiderazzjoni minima għall-istandards ta' sikurezza, ambjentali u regolatorji, u potenzjalment jheddu l-ekosistema tal-baħar u s-sajd reġjonali minħabba t-tixjiħ tagħhom, il-kundizzjoni miżmuma ħażin u l-prattiki ta' sikurezza inadegwati;

Or. en

Emenda 180
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Se (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Se. billi l-aħħar valutazzjoni fl-UE kollha tal-valur soċjoekonomiku tas-settur tas-sajd rikreattiv tal-baħar (MRF) tmur lura għall-2017, u r-rakkomandazzjonijiet tagħha għadhom ma ġewx implimentati biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' din l-attività b'impatt baxx bħala komponent rikonoxxut tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ekonomija Blu;

Or. en

Emenda 181

Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Azzjonijiet urġenti	***imħassar***

Or. en

Emenda 182
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-istat tal-Baħar Baltiku

Or. en

Emenda 183
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Jirrikonoxxi li, f'konformità mal-Artikolu 43(3) tat-TFUE, id-deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment tal-qabdiet totali permissibbli (TACs) u opportunitajiet tas-sajd oħra huma l-kompetenza esklużiva tal-Kunsill u, għalhekk, tal-Istati Membri; jisħaq, madankollu, li dawn id-deċiżjonijiet iridu jqisu bis-sħiħ l-aktar data xjentifika reċenti, id-diversità tal-kundizzjonijiet ambjentali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ bejn l-objettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi; jitlob trasparenza akbar fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-

Kunsill u li l-parir xjentifiku tal-ICES jitqies b'mod sistematiku b'mod li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' prekawzjoni;

Or. pl

Emenda 184
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Jikkonkludi li l-effettività tar-Regolament dwar il-MAP tal-Baltiku fl-ilħuq tal-għanijiet ekoloġiċi u soċjoekonomiċi ġenerali tiegħu kienet limitata; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' restawr tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli ogħla minn dawk ta' referenza, l-integrazzjoni dgħajfa tal-kunsiderazzjonijiet tal-ekosistema u l-istabbiliment insuffiċjenti ta' kwoti ta' prekawzjoni dgħajfu l-progress;

Or. en

Emenda 185
Emma Wiesner, Asger Christensen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1 a. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' approċċi ta' politika olistiċi li kkumplikaw aktar il-ħidma biex tiġi evitata aktar degradazzjoni u jiġi appoġġjat Baħar Baltiku aktar reżiljenti; jinnota li l-pressjonijiet esterni, inklużi l-ewtrofikazzjoni, il-bidliet xprunati mill-klima, it-tniġġis u l-popolazzjonijiet tal-predaturi li qed jikbru jirrikjedu sistemi

ta' ġestjoni tas-sajd li huma aktar adattivi u orjentati lejn l-ekosistema;

Or. en

Emenda 186
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1b. Jesprimi tħassib li l-valur miżjud f'termini ta' kooperazzjoni reġjonali kien baxx, meta jitqies li l-MAP fil-bidċa l-kbira kkonsolida perkorsi għall-kooperazzjoni li diġà kienu hemm jew li nbdew; jinnota li minħabba proċessi bil-mod u żieda fil-burokrazija li takkumpanja inizjattivi bħal dawn, inbdew pjuttost ftit rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri, li wasslu għal sinjal inkwetanti li d-dispożizzjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni tar-regoli tas-sajd tal-UE mhumiex qed jintużaw sabiex il-miżuri ta' ġestjoni jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet tal-Baħar Baltiku; jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi Baltiċi, inklużi l-partijiet ikkonċernati kollha;

Or. en

Emenda 187
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1c. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jsir aktar f'termini ta' koordinazzjoni olistika tal-politika kif ukoll progress aċċelerat fl-

implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' oqsma oħra ta' politika sabiex tiġi evitata d-dipendenza minn miżuri tas-sajd biss; jinnota l-isforzi li saru fil-kuntest tal-konferenzi "Il-Baltiku Tagħna"; jesprimi dispjaċir madankollu għall-fatt li ma sarx ħafna progress f'termini ta' riżultati konkreti;

Or. en

Emenda 188
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1d. Huwa tal-fehma li s-sitwazzjoni fil-Baħar Baltiku tirrikjedi azzjonijiet drastiċi sabiex jinħoloq żvilupp pożittiv fil-baċir tal-baħar; jikkonkludi li sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati, huma meħtieġa l-involviment u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-komunitajiet lokali u s-sajjieda, sabiex tinstab l-azzjoni meħtieġa mhux biss biex jitwaqqfu x-xejriet negattivi attwali fil-Baħar Baltiku, iżda wkoll biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni meħtieġa tkun ġusta għal kull min huwa involut u tranżizzjoni li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura;

Or. en

Emenda 189
Emma Wiesner, Michal Wiezik

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

-1e. Azzjonijiet urġenti

Or. en

Emenda 190
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw ***l-għodod*** legali ***kollha disponibbli*** biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku***, inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18;***	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw ***approċċ ibbażat fuq ix-xjenza biex joħorġu b'għodod*** legali biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku***.***

Or. en

Emenda 191
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-	1. ***Jikkundanna lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri talli naqsu milli jieħdu azzjoni suffiċjenti biex jipproteġu u jirrestawraw l-ekosistemi tal-Baħar Baltiku kontra theddid bħas-sajd eċċessiv, it-tniġġis u l-ewtrofikazzjoni;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu

MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18;	kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18;

Or. en

Emenda 192
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali*** tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ***ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew*** bir-reġjonalizzazzjoni ***permezz tal-Artikolu 18***;	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***ikomplu jaħdmu fuq l-irkupru*** tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ***tal-għodod u l-miżuri previsti fil-PKS u l-leġiżlazzjoni relatata, preferibbilment*** bir-reġjonalizzazzjoni***, bl-involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati***;

Or. en

Emenda 193
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali*** tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ***ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew*** bir-reġjonalizzazzjoni ***permezz tal-Artikolu 18***;	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***ikomplu jaħdmu fuq l-irkupru*** tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ***tal-għodod u l-miżuri previsti fil-PKS u l-leġiżlazzjoni relatata, preferibbilment*** bir-reġjonalizzazzjoni***, bl-involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati***;

Or. en

Emenda 194
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jistieden lill-Kummissjoni*** u ***lill-Kunsill jużaw l-għodod*** legali ***kollha disponibbli*** biex ***iwaqqfu kwalunkwe deterjorament*** ulterjuri ***li jista' jwassal għal kollass totali*** tal-istokkijiet tal-ħut ***tal-Baħar Baltiku***, ***inkluż bl-użu ta' atti delegati***, ***rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament*** dwar l-MAP tal-Baltiku, ***id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18***;	1. ***Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni*** u ***l-Kunsill jiżguraw l-użu effettiv tal-għodod*** legali ***u ta' ġestjoni eżistenti*** biex ***jiġi pprevenut tnaqqis*** ulterjuri tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baltiku***, inklużi miżuri mmirati***, ***ir-Regolament*** dwar il-MAP tal-Baltiku, ***ir-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd, u l-PKS***;

Or. en

Emenda 195

Emma Wiesner, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, ***inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u*** l-Artikoli 5 ***u 8*** tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont ***l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u*** 20 tal-PKS***, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18***;	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jużaw l-għodod legali kollha disponibbli biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku***; jenfasizza li hemm diversi għodod legali disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri, inklużi*** l-Artikoli 5***, 6, 7, 8 u 9*** tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku ***kif ukoll***, id-dispożizzjonijiet skont ***l-Artikoli 6, 7, 8, 11, 12, 13, 16, 17, 18, 19,*** 20 tal-PKS***;***

Or. en

Emenda 196
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***jużaw l-għodod legali kollha disponibbli*** biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18;	1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ***ikomplu bl-isforzi tagħhom*** biex iwaqqfu kwalunkwe deterjorament ulterjuri li jista' jwassal għal kollass totali tal-istokkijiet tal-ħut tal-Baħar Baltiku, inkluż bl-użu ta' atti delegati, rakkomandazzjonijiet konġunti u l-Artikoli 5 u 8 tar-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 12 tal-PKS u l-inizjattivi tal-Istati Membri permezz tal-Artikoli 8, 11, 13, 17 u 20 tal-PKS, unilateralment jew bir-reġjonalizzazzjoni permezz tal-Artikolu 18;

Or. pl

Emenda 197
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-evoluzzjoni fid-distribuzzjoni tal-kwoti fis-segmenti tal-flotta sa mill-introduzzjoni tal-kwoti individwali trasferibbli (ITQ), u tivvaluta jekk rabta bejn il-pressjoni fuq ir-riżorsa u l-modi ta' distribuzzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd tistax tkunx raġuni parzjali għall-istat tal-istokkijiet;

Or. fr

Emenda 198
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jesprimi dispjaċir għall-ftehim tal-Kunsill dwar il-limiti ta' qbid tal-2026 għall-Baħar Baltiku, li ma jikkonformax mar-regolamenti tal-UE, jinjora l-parir xjentifiku, u jpoġġi f'riskju l-popolazzjonijiet tal-ħut u l-ekosistemi tal-baħar tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 199
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jissospendu s-sajd kollu fil-Baħar Baltiku li għandu impatt negattiv fuq l-ispeċijiet vulnerabbli sakemm il-popolazzjonijiet kollha tal-ħut ikunu rkupraw għal livelli ogħla mil-limiti bijoloġiċi sikuri u jkollhom daqs tajjeb għas-saħħa u distribuzzjoni tal-età; jistieden lill-Istati Membri jżommu limiti tas-sajd prekawzjonarji sakemm il-bijomassa tal-istokk riproduttiv tilħaq livelli tajbin għas-saħħa għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi;***

Or. en

Emenda 200
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu*** fil-Baħar Baltiku ***u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini*** mill-ġdid;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, pjan komprensiv u transsettorjali li jindirizza l-fatturi ta' stress ewlenin kollha*** fil-Baħar Baltiku – ***inklużi t-tniġġis minn nutrijenti, it-tniġġis kimiku, il-fdalijiet mit-Tieni Gwerra Dinjija, l-attivitajiet ta' pajjiżi terzi, l-enerġija tal-baħar u l-impatt tal-predaturi – filwaqt li tiżgura ġestjoni integrata u ppjanar spazjali taż-żoni tal-baħar bl-involviment tas-settur tas-sajd, bil-ħsieb li jiġu rkuprati u jinbnew*** mill-ġdid ***l-istokkijiet***;

Or. pl

Emenda 201
Aurelijus Veryga, Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar*** Baltiku ***u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid***;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***timpenja ruħha għal pjan komprensiv u transsettorjali li jindirizza l-fatturi ta' stress ewlenin kollha li jaffettwaw il-Baħar*** Baltiku***, inklużi t-tniġġis tan-nutrijenti, il-kontaminanti kimiċi, l-iżviluppi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, it-tibdil fil-klima u l-impatti tal-predaturi, filwaqt li tiżgura governanza inklużiva u ppjanar tal-ispazju marittimu li jinvolvu bis-sħiħ is-settur tas-sajd***; ***jisħaq li dawn il-pressjonijiet huma ta' natura transfruntiera u kumulattiva u għalhekk jirrikjedu azzjoni koordinata fil-livell tal-UE;***

Or. en

Emenda 202
Emma Wiesner, Michal Wiezik, Asger Christensen, Karin Karlsbro

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf*** l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo ***għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku*** u minflok ***timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid***;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri biex meta jimplimentaw ir-Regolament dwar l-MAP tal-Baltiku, kif ukoll meta jieħdu kwalunkwe azzjoni interkonnessa relatata ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE jew nazzjonali, jindirizzaw il-fatturi ta' stress kollha fuq l-istokkijiet tal-ħut u jwaqqfu*** l-approċċ ***attwali*** ta' żamma tal-istatus quo u minflok ***jipproponu, jadottaw u jimplimentaw***

miżuri u azzjonijiet sabiex l-istokkijiet tal-ħut jirkupraw u jinbnew mill-ġdid;

Or. en

Emenda 203
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid***, filwaqt li tiżgura li tali miżuri jkunu proporzjonati, temporanji, u akkumpanjati minn appoġġ soċjoekonomiku għas-sajjieda fuq skala żgħira u kostali li jiddependu minn dawn l-attivitajiet għall-għajxien tagħhom***;

Or. en

Emenda 204
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar*** Baltiku ***u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid***;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***timpenja ruħha għal pjan komprensiv u transsettorjali li jindirizza l-fatturi ta' stress ewlenin kollha li jaffettwaw il-Baħar*** Baltiku***, inklużi t-tniġġis tan-nutrijenti, il-kontaminanti kimiċi, l-iżviluppi tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, it-tibdil fil-klima u l-impatti tal-predaturi - filwaqt li tiżgura governanza inklużiva u ppjanar tal-ispazju marittimu li jinvolvu bis-sħiħ is-***

settur tas-sajd;

Or. en

Emenda 205
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi*** ta' rkupru ***u ta' bini mill-ġdid***;	2. ***Jisħaq li l-isforzi ta' bini mill-ġdid u*** ta' rkupru ***għandhom ikunu bbażati fuq prattiki ta' ġestjoni realistiċi u mmexxija mix-xjenza, filwaqt li jiġi żgurat li l-attività tas-sajd tibqa' sostenibbli u jiġu evitati miżuri f'daqqa li jistgħu jimminaw l-istabbiltà soċjoekonomika tal-komunitajiet kostali***;

Or. en

Emenda 206
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid ***b'għoti simultanju ta' appoġġ soċjali u finanzjarju għas-sajjieda***;

Or. en

Emenda 207
Kristoffer Storm

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***twaqqaf l-approċċ ta' żamma tal-istatus quo*** għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku ***u minflok timxi lejn fażi ta' rkupru u ta' bini mill-ġdid***;	2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***jkollha approċċ ibbażat fuq ix-xjenza li jinkludi lill-partijiet ikkonċernati kollha*** għas-sajd kontinwu fil-Baħar Baltiku ***sabiex ikun hemm mhux biss baħar Baltiku b'saħħtu iżda wkoll industrija tas-sajd b'saħħitha***;

Or. en

Emenda 208
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li l-proċess ta' bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-Baltiku ma jridx iwassal għall-kollass soċjoekonomiku tar-reġjuni kostali; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta programm tal-"Futur tal-Kosta tal-Baltiku" li jkopri appoġġ għall-introjtu għas-sajjieda u għall-okkupazzjonijiet relatati mas-sajd, l-investiment lokali u l-preżervazzjoni tal-wirt kulturali;

Or. pl

Emenda 209
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproponi pjan tal-UE

ta' kontroll tal-istokkijiet tal-marguni għas-sajd u l-akkwakultura tal-Baħar Baltiku, ibbażat fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u l-prattiki tal-Istati Membri; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri preventivi, kumpens għat-telf, u finanzjament minn sorsi tal-UE jew nazzjonali;

Or. en

Emenda 210
Anja Hazekamp, Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ifakkar fir-rwol vitali li għandu l-ħut tal-foraġġ għax-xbieki alimentari tal-baħar u l-ekosistemi tal-Baħar Baltiku, u b'hekk jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu implimentati miżuri li jiżguraw l-irkupru tagħhom;

Or. en

Emenda 211
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li kwalunkwe miżura li tikkonċerna l-irkupru tal-istokkijiet trid tqis il-kundizzjonijiet idroloġiċi u kimiċi tal-Baħar Baltiku, inkluż skambju tal-ilma limitat, żoni anossiċi u kontaminazzjoni tas-sediment persistenti;

Or. pl

Emenda 212
Niclas Herbst

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Itenni wkoll it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tesplora l-miżuri legali kollha disponibbli biex jiġu mmitigati l-effetti negattivi tal-popolazzjonijiet tal-marguni fuq is-sajd u l-akkwakultura tal-Baħar Baltiku;

Or. en

Emenda 213
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu programm tal-UE fit-tul u ffinanzjat b'mod adegwat li jkollu l-għan li jinnewtralizza u jneħħi l-fdalijiet ta' wara l-gwerra mill-Baħar Baltiku, b'mod partikolari munizzjon konvenzjonali u armi kimiċi; jisħaq li l-iskala tat-theddid għas-saħħa tal-bnedmin, l-ekosistemi u l-attività ekonomika titlob finanzjament u koordinazzjoni sostenibbli u stabbli fil-livell tal-UE li jmorru lil hinn minn miżuri inċidentali jew ibbażati fuq proġett;

Or. pl

Emenda 214

Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2d. Jappella għall-inklużjoni ta' attivitajiet ta' monitoraġġ, ta' mmappjar u ta' rimedju relatati mal-kontaminazzjoni ta' wara l-gwerra fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss bħala strument permanenti u ddedikat; jisħaq li l-finanzjament sistematiku biss se jippermetti l-iżvilupp tal-mapep tar-riskju affidabbli, tal-kontrolli regolari fuq il-kundizzjoni tal-munizzjon u l-ħolqien ta' metodi teknoloġikament sikuri għall-estrazzjoni jew l-iżgurar tiegħu, li hija prerekwiżit għall-protezzjoni effettiva tal-Baħar Baltiku;

Or. pl

Emenda 215
Piotr Müller

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2e. Jitlob li l-perspettiva finanzjarja pluriennali tal-UE l-ġdida tiggarantixxi żieda sinifikanti fl-investiment f'impjanti tat-trattament tad-dranaġġ u sistemi taż-żamma u tal-filtrazzjoni tat-tniġġis moderni, kemm fil-pajjiżi tal-Baħar Baltiku kif ukoll fil-baċiri tax-xmajjar kollha li jiskarikaw l-ilma fil-Baħar Baltiku; jisħaq li mingħajr il-modernizzazzjoni komprensiva tal-infrastruttura tal-ilma u tad-dranaġġ, l-isforzi kollha biex tittejjeb il-kwalità tal-ilmijiet tal-Baħar Baltiku se jibqgħu sempliċiment dikjarattivi u ineffettivi;

Or. pl